**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 310/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**
**Shone (Carmel-Shone) Agius**

**Illum 25 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Shone (Carmel-Shone) Agius ta' 44 sena, bin Philip u Mary nee' Magro, imwieled Pieta' fl-24 ta' Frar, 1973, residenti 6, Triq San Gwann, Sqaq nru 15, Naxxar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 123673M;

Akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Frar, 2011 f'xi hin bejn id-9:00 a.m. u 12:00 p.m. gewwa Birkirkara, ikkommetta serq minn gewwa vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni BBT 063 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Andria Julie Borg, George Borg u/jew persuna/i u/jew entita'/jiet ohra;

2. Nhar l-20 ta' April, 2011 f'xi hin wara l-5p.m. gewwa Ta' Xbiex, bil-hsieb li jghamel delitt ta' serq ta' drum cutter minn fuq excavator li kien gewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq ir-Rampa Ta' Xbiex, Ta' Xbiex, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tiegh u li kieku sar kien ikun akkumpanjat bil-mezz, bil-valur li jecedi l-ammont ta' €2,329.38 u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Raymond Bonanno u/jew persuna/i u/jew entita'/jiet ohra;

3. Nhar it-28 t'April, 2011, f'xi bejn id-9:00 a.m. u l-5:00 p.m. gewwa tas-Sliema bil-hsieb li jghamel delitt ta' serq minn residenza 124 Flt 1, Triq Sant'Elena, Sliema, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sar kien ikun akkumpanjat bil-mezz, bil-valur u bil-lok ghad-detriment ta' Claude Formosa, Izle Upelnice u/jew persuna/i u/jew entita'/jiet ohra;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma Shone (Carmel-Shone) Agius bhala recidiv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 12 t'Ottubru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', l-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, current incident report immarkta bhala Dok JG1, current incident report immarkat bhala Dok JG2, current incident report immarkat bhala Dok JG3, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok JG4, stqarrija mmarkata bhala Dok JG5, stqarrija mmarkata bhala Dok JG6, dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok JG7, u CD immarkat bhala Dok JG8.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2018 l-imputat ghadda l-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250) lill-Ufficjal Prosekutur liema ammont hija r-refurtiva, sabiex l-Ufficjal Prosekutur jghaddi l-istess flus lill-parte civile.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**Decide:-**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(g), 263, 267, 269(g), 271(g), 278(3), 279(a)(b), 280, 280(2), 281, 41(1)(a), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda ssib lil Shone (Carmel-Shone) Agius hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih fuq ammissjoni tieghu stess; u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-termini tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini ta' l-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi u li ser jigi sottopost ghalih il-hati.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghti bid-Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficcjal tal-Probation assenjat ghandu jirraport bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull erba' (4) xhur.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**